MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Awwissu, 2009

Numru 789/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**vs**

**BRADLEY CARABOTT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Bradley Carabott ta' 23 sena, iben Francis u Antonia nee' Ellul, mwieled Pieta' nhar it-30 ta' Ottubru 1985, detentur tal-karta ta' identita bin-numru 540885M u residenti gewwa 20 Frantan Triq Ganni Raimondo Kalkara.

Billi gie akkuzat:

1. Talli fis-7 ta' Awwissu 2009 ghall-habta ta' 21:45 hrs, gewwa Triq il-Gublew Tal-Fidda, Birgu ittanta li jisraq minn go vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAR418 tal-

ghamla Subaru J10 ghad-dannu ta’ Brenton Micallef, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-volonta tieghu liema attentat huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi il-232.93 Euros (mitt Lira Maltija) u anqas minn 1164.69 Euros (hames mitt Lira Maltija), bil-hin, u bin-natura tal-haga misruqa, u aktar talli;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara f’vettura bin-numru CAR418 tal-ghamla Subaru J10, liema hsarat huma ta’ aktar minn 116.47 Euros (hamsin Lira Maltija) ghad-dannu ta’ Brenton Micallef, u aktar talli;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sar ricediv b’sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), datata 19 ta’ Settembru 2007 liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali mill-Imhallef Dr. Vincent A. De Gaetano LL.D fid-digriet taghha ta’ nhar l-20 ta’ Frar 2009 li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija personali u fost kundizzjonijiet ohra li jirrinkaza fi-residenza tieghu mhux aktar tard mis-19:00hrs u li ma jaghmilx reat iehor

In oltre il-Qorti giet mitluba illi f’kaz ta’ sejbien ta’ htija skond l-akkuza kif dedotta tirrevoka il-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta’ l-imsemmi Bradley Carabott.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok PAS1 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tal-imputat li sar fis-Seduta tallum l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur u Dr. Mark Busuttil ghall-imputat iddikjaraw li jaqblu li l-imputat ghandu problema serja ta’ abbuz mid-droga.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li f’dan il-kaz ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u konsegwentement talab lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula fl-Akkuza a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b), (c), (f) u (g), 263, 267, 270, 271(g), 278(3), 279(a), 280(2), 281(b), 325(b), 49, 50, 17, 31 u 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Bradley Carabott, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imsemmi imputat Bradley Carabott ghall-piena komplessiva ta’ sena prigunerija.

Inoltre, l-Qorti, tirrevoka d-Digriet tal-Qorti Kriminali moghti fl-20 ta’ Frar, 2009 li bih gie moghti il-beneficcju tal-helsien mill-arrest l-imputat Bradley Carabott fil-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija (Spettur Alexander Grech) vs Bradley Carabott”, liema kawza qeda tinstema mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D., u b’hekk tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest tal-imputat Bradley Carabott moghti bid-Digriet tal-Qorti Kriminali hawn fuq riferit u tordna ri-arrest ta’ l-imputat Bradley Carabott.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna l-konfiska tal-oggett (turnavit) esebit bhala Dok. PAS6.

Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula fl-Akkuza a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur rigward din it-talba fil-Verbal tas-Seduta tallum u kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba.

Inoltre, il-Qorti, fid-dawl ta’ dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur u Dr. Mark Busuttil

ghall-imputat nkwantu li jaqblu li l-imputat ghandu problema serja hafna ta’ abbuz mid-droga, tirrakkomanda lid-Dirretur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin li dan jara li l-imputat Bradley Carabott jinghata l-ghajnuna li ghandu bzonn sabiex jeghleb il-problema li ghandu ta’abbuz mid-droga.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-Sentenza tigi notifikata lill-Qorti tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D. u lid-Direttur tal-Facilita’ Korretiva ta’ Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------